KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037
MALTA

TAS-SLIEMA

SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Mons. Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037.
Malta

Telephone: +356 2133 7633
E: sliema.lc@gov.mt
W: sliemalc.gov.mt

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAL-GĦAXAR LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 24

L-erba' u għoxrin seduta tal-għaxar leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar il-Tlieta 2 ta' Diċembru 2025 fis-6:30pm ġewwa The Victoria Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | John Pillow | Sindku |
| | Anton Debono | Viċi Sindku |
| | Joe Aquilina | Kunsillier |
| | Emmanuel Borg | Kunsillier |
| | John Dougall | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | David Soler | Kunsillier |
| | Wallace Baldacchino | Kunsillier |
| | Zack Zammit | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | David Muscat | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | R Borg | Kunsillier |
| | J Higgans | Kunsilliera |
| | V Galea Pace | Kunsilliera |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Pierre P Portelli | Segretarju Eżekuttiv |

**Is-Seduta bdiet b'din l-Aġenda fis-6:40pm:**

**24.1 Qari tal-ittri t' apoloġija;**

**24.2 Diskussjoni u approvazzjoni tal-kuntratt tat-tindif bejn il-KLS u d-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni (CleanMalta)**

**24.3 Tmiem tal-laqgħa**

## 24.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

**24.1.1** Il-Kunsill irċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-kunsillieri D Muscat, R Borg, V Galea Pace, J Higgans

## 24.2 DISKUSSJONI U APPROVAZZJONI TAL-KUNTRATT TAT-TINDIF BEJN IL-KLS U D-DIVIŻJONI TAT-TINDIF U MANUTENZJONI (CLEANMALTA)

**24.2.1** Is-Sindku għadda l-kelma lil-Viċi Sindku sabiex jispjega s-sitwazzjoni u l-informazzjoni li ingħata mingħand is-Sur Duncan Hall mill-CleanMalta.

Hu spjega li irċieva telefonata mingħand is-Sur Hall fejn ġie spjegat li wara li l-KL bgħat email dwar id-deċizjoni li ħa l-KL fil-laqgħa li għaddiet, kien hemm 'terremot' fi ħdan id-divizjoni tat-tindif u manutenzjoni u assigura lil Viċi Sindku li CleanMalta ser jibdew joperaw nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru bit-tindif.

Qal ukoll li CleanMalta ser jagħmel *barter agreement* mall-operaturi ta' diversi parkeġġi privati madwar il-lokalita' sabiex jingħataw spazju ta' karozza jew tnejn sabiex jiġu miżmuma l-apparat tat-tindif tat-toroq, minn naħa ta' CleanMalta, huma ser inaddfu l-parkeġġi privati mingħajr ħlas.

Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni din il-proposta lill-kunsilliera preżenti, bil-Viċi Sindku jissekonda din il-proposta.

***Kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera preżenti.***

## 24.3 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

**24.3.1** Is-seduta ntemmet fis-7:30pm.

Laqgħa oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tnejn 15 ta' Diċembru 2025 fis-6pm.

Minuti approvati llum: **15 ta' Diċembru 2025**

| | |
|---|---|
| **John Pillow** | **Pierre P Portelli** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |